MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 259/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kenneth Cassar**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva:

Kontra Kenneth Cassar u persuna ohra talli f'dawn il-Gzejjer f'Settembru 1999 u fix-xhur ta' wara:

1) Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li

jkunu gew iffurmati inkella li ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe` ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Alfred Rapa, Marthese Bezzina u ta' persuni ohra fuq disa' cekkijiet tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza;

2) Iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe` disa' cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' A. Rapa, M.T. Bezzina u persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karta msemmija;

3) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm1570, bi hsara ghal Alfred Rapa, M.T. Bezzina, Bank of Valletta, Pirella Supermarket u persuni ohra;

Kontra Kenneth Cassar wahdu talli fl-istess zmien:

4) Halef falz quddiem ufficjal li kellu setgha b'ligi li jaghti gurament, liema gurament kien mehtieg bil-ligi, u aktar talli, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ta taghrif falz, u dan fir-rigward ta' hrug ta' karta ta' identita` gdida f'ismu wara li ddikjara li kien tilifha;

5) Ikkommetta serq ta' disa' cekkijiet mahruga mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' A. Rapa u M.T. Bezzina u persuni ohra u dan ghad-detriment tal-Bank of Valletta, A. Rapa, M.T. Bezzina u persuni ohra;

6) Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

7) Sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta datati 24/4/96 u 22/11/96, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula u aktar talli ikkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta datati 12/10/98 u 3/3/99 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Settembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni li nghatat mill-prosekuzzjoni alternattivament ghall-imputazzjoni ta’ serq, sabet lill-imsemmi Kenneth Cassar hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn u nofs, u ordnat wkoll li s-sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-12 ta’ Ottubru 1998 u nhar it-3 ta’ Marzu 1999 esebiti fl-atti u mmarkati bhala dokumenti JA u JA 2 jigu rezi operattivi u cioe` b’hekk l-imsemmi Kenneth Cassar ghandu jaghmel tliet snin u nofs ohra maz-zmien ta’ prigunerija moghtija fl-istess sentenza, b'kollox ghalhekk sitt snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Kenneth Cassar pprezentat fis-16 ta’ Settembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni, liema reat kien kontemplat fl-imputazzjoni numru 6 u fejn din sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha hlief ghal dak li jikkoncerna r-raba’ imputazzjoni, dik li tirrigwarda li huwa halef il-falz quddiem ufficjal, tvarja l-istess sentenza fejn din sabitu hati tar-raba’ imputazzjoni u li minnha tilliberah u tvarja u timmodifika l-piena fuqu nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti jmissha lliberat lill-appellant mir-raba' imputazzjoni; (2) il-piena hi fic-cirkostanzi eccessiva.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, dan jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

L-appellant jghid illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li huwa tabilhaqq halla l-karta ta' l-identita` warajh u dan gara meta mar jipprova jsarraf xi cekk fil-Bank of Valletta, tfixkel u halliha warajh. Ghalhekk, isostni l-appellant, meta

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

mar biex jaghmel karta ta’ identita` gdida u ddikjara li huwa verament kien tilifha, kien qed jghid il-verita`.

Issir referenza l-ewwelnett ghal dak li xehed John Caruana mill-ufficcju tal-karti ta’ l-identita` li esebixxa kopja ta’ l-ahhar karta ta’ identita` li nharget lill-appellant (Dok. WPS a fol. 128). Huwa qal li din il-karta ta’ identita` harget fil-21 ta’ Settembru 1999 fuq applikazzjoni ta’ l-appellant indikanti li kien tilef l-I.D. card li kellu qabel. Huwa qal li johorgu karta ta’ identita` gdida biss fuq affidavit li jkun ghamel l-individwu.

F’dar-rigward huwa rilevanti dak li qal l-istess appellant fl-istqarrija li ghamel lill-Pulizija fil-11 ta’ Ottubru 1999:

“M. Tista’ tghidli dak in-nhar x’gara?
T. Dhalt il-bank biex insarraf cekk minn ta’ Rapa, il-kaxxiera tajta ic-cekk ta’ Rapa u l-I.D. card tieghi u nahseb li kien hemm xi problema ghax wara li ittimbratu rajta tiela fuq bl-I.D. card tieghi u tlaqt il-barra u hallejt kollox warajja.
M. Wara li hallejt l-I.D. card warajk mort taghmel I.D. card ohra?
T. Iva bil-fors ghax biex insarraf ic-cekk tar-relief irrid ikollok I.D. Card.
M. Inti mort taghmel dikjarazzjoni li tlift l-I.D. card u iffirmajtha?
T. Iva ghax bil-fors kelli bzonn jaghtuni I.D. cards ohra.”

Jigifieri hawn ghandna ammissjoni cara u inekwivoka da parti ta’ l-appellant li huwa ma kienx tilef il-karta ta’ l-identita` izda li halliha warajh il-bank wara li fehem illi l-kaxxiera kienet issuspettat fih. Fir-rikors ta’ appell tieghu stess fil-fatt jghid illi meta mar jipprova jsarraf cekk “tfixkel u halliha warajh”. Evidentement kien jaf fejn kien halla l-karta ta’ l-identita` tieghu u ghalhekk ma kienx qieghed jiddikjara l-verita` meta qal li kien “tilifha”. Kien ikun mod iehor kieku ma kienx jaf fejn kienet tinsab il-karta ta’ l-identita` tieghu. Izda huwa kien ben konsapevoli tal-fatt li kien halliha l-bank u ghalhekk halef il-falz meta stqarr li kien “tilifha”.

Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

M’hemm l-ebda dubju illi l-piena ta’ sentejn u nofs prigunerija taqa’ fil-parametri tal-ligi, anzi hija piena pjuttost miti.

Issa, l-appellant jghid illi l-ammont attwalment mehud ma kienx xi wiehed kbir u li fil-passat huwa kellu dipendenza qawwija fuq id-droga u ghalhekk fil-perijodu bejn l-1996 u l-1999 kien ikkommetta r-reati ndikati. Jghid illi minn dak iz-zmien ‘l hawn ittanta jsib xi impjieg biex ihallas lura l-flus li huwa ha pero` minhabba fil-passat tieghu ma rnexxilux jaghmel dan. Isostni pero` li fl-isfond ta’ dan kollu, minn dakinhar ‘l hawn qatt ma rega’ kkommetta xi reat iehor u m’ghandux kazi pendenti quddiem dawn il-Qrati.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett li l-ammont in kwistjoni ma kienx xi wiehed irizorju. Barra minn hekk id-dipendenza fuq id-droga ma taghti lil hadd id-dritt li jikkommetti reati biex isostni l-vizzju tieghu. Mhuwiex accettabbli ghalhekk ghall-appellant li jipprova jgib dan il-fattur bhala xi skuzanti jew gustifikanti. Barra minn hekk jirrizulta li minn mindu l-appellant tressaq dwar l-imputazzjonijiet odjerni huwa kellu okkazjoni jahdem, kif jirrizulta mix-xiehda ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon[3]. Izda kif jirrizulta anke mix-xiehda taghha[4], meta kellu impjieg fiss “ma wera ebda rimors jew ipprova

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

[3] Ara xiehda taghha a fol. 121 u 149.

[4] A fol. 176.

jikkumpensa lill-vittmi tieghu”. Ma jirrizultax lanqas li sallum ghamel xi sforz biex jikkumpensahom. Jekk l-appellant m’ghandux kazijiet ohra quddiem dawn il-Qrati, dan certament huwa pozittiv, izda ma jfissirx li m’ghandux jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta` konsiderata wkoll l-opportunitajiet li diga` nghata mill-Qrati taghna. Difatti mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta illi huwa nghata mhux anqas minn hames *probation orders* u nghata *conditional discharge* darbtejn.

Dak li sfugga lill-partijiet, u partikolarment lid-difiza, huwa illi mill-istess fedina penali aggornata jirrizulta illi permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta’ April 2000 gie ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza ta’ tmintax-il xahar prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta’ Marzu 1999 kif ukoll ordnat illi s-sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta’ Ottubru 1998 tigi estiza ghal erba’ snin mid-data ta’ dik is-sentenza tas-6 ta’ April 2000. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx tordna l-bidu fis-sehh ta’ l-imsemmijin zewg sentenzi sospizi, dik tat-3 ta’ Marzu 1999 peress illi kien diga` gie ordnat il-bidu fis-sehh taghha u dik tat-12 ta’ Ottubru 1998 peress illi l-perijodu operattiv taghha kien gie estiz b’effett mis-6 ta’ April 2000, jigifieri wara d-data tar-reati odjerni. Ghalhekk is-sentenza appellata sejra tigi riformata sabiex tirrifletti l-fatt li l-Qrati taghna diga` ttrattaw ma’ l-appellant dwar l-imsemmijin zewg sentenzi sospizi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda l-appellant Kenneth Cassar u ghalhekk tirrevokaha in kwantu ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta’ Ottubru 1998 u fit-3 ta’ Marzu 1999 sabiex b’hekk l-appellant jaghmel tliet snin u nofs ohra maz-zmien ta’ prigunerija moghtija fl-istess sentenza appellata, u tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni, in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn u nofs. Fl-ahharnett

tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin li jipprovdi lill-appellant dik l-ghajnuna kollha mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga li kienet hakmitu ghal diversi snin, inkluz, jekk ikun il-kaz, li jaghmel programm residenzjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------